

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1707

tas-17 ta' Ġunju 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni għal ċerti emendi li għandhom isiru għall-Ftehim biex titqies l-ađeżjoni ta' Samoa u ta' ađeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Lulju 2009, l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ ("il-Ftehim"), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Il-Ftehim ġie applikat provviżorjament mill-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea u mir-Repubblika ta' Fiġi mill-20 ta' Diċembru 2009 u mit-28 ta' Lulju 2014, rispettivament.
- (2) L-Artikolu 80 tal-Ftehim jipprevedi li Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku li huma parti għall-Ftehim ta' Cotonou ⁽²⁾ jew il-Gżejjer tal-Paċifiku li l-kratteristiċi strutturali u s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom huma komparabbli ma' dawk tal-pajjiżi li huma Partijiet għall-Ftehim ta' Cotonou jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994. Fil-5 ta' Frar 2018, l-Istat Indipendenti ta' Samoa (Samoa) issottometta lill-Partijiet Kontraenti talba għal ađeżjoni flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq skont l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 għal deċiżjoni.
- (3) Matul is-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ fl-24 ta' Ottubru 2018, ir-rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati tal-Paċifiku fasslu lista ta' modifiki tekniċi għall-Ftehim li huma meħtieġa sabiex titqies l-ađeżjoni ta' Samoa mal-Ftehim. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Istati tal-Paċifiku kkonkludew li dawk il-modifiki jinvolvu l-ejenkar ta' Samoa bħala Parti Kontraenti għall-Ftehim u ż-żieda tal-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Samoa mal-Anness II għall-Ftehim. Bidliet simili fil-Ftehim ikunu meħtieġa kull darba li Stat Gżira ieħor tal-Paċifiku jaderixxi għall-Ftehim.
- (4) Bid-Deċiżjoni (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 ⁽³⁾, il-Kunsill approva t-talba għall-ađeżjoni ta' Samoa. It-test tal-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Samoa ġie mehmuż ma' dik id-Deċiżjoni. ⁽⁴⁾ Samoa aderiet mal-Ftehim fil-21 ta' Diċembru 2018 u applikat il-Ftehim b'mod provviżorju sa mill-31 ta' Diċembru 2018.
- (5) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ għandu jindirizza l-kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Huwa meħtieġ li l-Kumitat tal-Kummerċ jingħata s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe modifika teknika għall-Ftehim li tista' tkun meħtieġa wara l-ađeżjoni ta' Stat Gżira ieħor tal-Paċifiku.
- (6) Is-seba' laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha ssir fl-24 ta' Lulju 2019, fejn il-Kumitat tal-Kummerċ ser ikun jista', skont l-Artikolu 78 tal-Ftehim, jirrakkomanda li l-Partijiet jintroduċu emendi għall-Ftehim sabiex titqies l-ađeżjoni ta' Samoa u l-ađeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku mal-Ftehim.
- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tar-rakkomandazzjoni għal tali emendi.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

⁽²⁾ Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra, kif emendat l-aħħar (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1908 tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar l-ađeżjoni ta' Samoa mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 333, 28.12.2018, p. 1)

⁽⁴⁾ ĠU L 333, 28.12.2018, p. 3.

- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fis-seba' laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni meħmuża

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Kummerċ fis-seba' laqgħa tiegħu fir-rigward tar-rakkomandazzjoni i għal ċerti emendi għall-Ftehim Interim ta' Shub ija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ta' Samoa u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni ⁽⁹⁾

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

⁽⁹⁾ It-test tal-Anness II (Dazji Doganali Applikabbli fuq l-Importazzjonijiet fl-Istat Indipendenti ta' Samoa) tal-Ftehim huwa ppubblikat f'ĠU L 333, 28.12.2018, p. 3.

ABBOZZ

RAKKOMANDAZZJONI Nru 01/2019 TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ MWAQQAF MILL-FTEHIM INTERIM TA' SĦUBIJA BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-ISTATI TAL-PAĊIFIKU, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta'...

fir-rigward tal-ađeżjoni ta' Samoa u l-ađeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (*) ('il-Ftehim'), li jstabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, iffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009 u b'mod partikolari l-Artikoli 68, 78 u 80 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istat Indipendenti ta' -Papua New Guinea u r-Repubblika tal-Fiġi ffirmaw il-Ftehim fit-30 ta' Lulju 2009 u fil-11 ta' Diċembru 2009 rispettivament u ilhom japplikaw il-Ftehim b'mod provviżorju mill-20 ta' Diċembru 2009 u t-28 ta' Lulju 2014 rispettivament.
- (2) Fil-5 ta' Frar 2018, l-Istat Indipendenti ta' Samoa (Samoa) issottometta lill-Partijiet Kontraenti talba għal ađeżjoni flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 għal deċiżjoni. Għaldaqstant, Samoa aderiet mal-Ftehim fil-21 ta' Diċembru 2018 u ilha tapplikaha b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Fid-dawl tal-ađeżjoni ta' Samoa, il-Kumitat tal-Kummerċ eżamina mill-ġdid il-Ftehim u jirrakkomanda lill-Partijiet Kontraenti li jadottaw emendi tekniċi għall-Ftehim sabiex Samoa jiġi elenkat bħala Parti Kontraenti għall-Ftehim u biex iżid l-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Samoa mal-Anness II għall-Ftehim.
- (4) Hemm bżonn li jsiru emendi simili għall-Ftehim kull darba li Stat Gżira ieħor tal-Paċifiku taderixxi mal-Ftehim.
- (5) Il-Kumitat tal-Kummerċ jissuġġerixxi li jingħata s-setgħa jiddeċiedi dwar kwalunkwe modifika teknika għall-Ftehim li tista' tkun meħtieġa wara l-ađeżjoni ta' Stat Gżira ieħor tal-Paċifiku,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Il-Kumitat tal-Kummerċ jirrakkomanda li l-Partijiet:

1. jissostitwixxu l-paragrafu 1 tal-Artikolu 70 tal-Ftehim b'dan li ġej:

"1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim il-"Partijiet Kontraenti" għandhom ikunu l-Komunità Ewropea, imsejħa l-"Parti tal-KE", minn naħa waħda, u l-Papua Ginea Ġdida, ir-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa, imsejħa l-"Istati tal-Paċifiku", min-naħa l-oħra."

2. jżidu l-paragrafu 3 li ġej fl-Artikolu 80 tal-Ftehim:

"3. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe modifika teknika għall-Ftehim li tista' tkun meħtieġa wara l-ađeżjoni ta' Stat Gżira ieħor tal-Paċifiku."

3. fl-Anness II għall-Ftehim, jżidu t-test tal-offerta ta' aċċess għas-suq maqbul tal-Istat Indipendenti ta' Samoa, stabbilit fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.
4. fl-Anness X għall-Protokoll II tal-Ftehim, jneħħu r-referenza għal Samoa mil-lista ta' "Stati oħrajn tal-AKP".

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat tal-Kummerċ

F'isem l-Unjoni

F'isem l-Istati tal-Paċifiku

(*) ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.